MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Mandat Numru. 1732/2014/1

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1732/2014/LSO fl-ismijiet:-**

**Gaming VC Corporation Limited (C 40551) u GVC Holdings plc, socjeta` registrata l-Isle of Man.**

**vs**

**GVC New Limited (C 55640)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Gaming VC Corporation Limited et. pprezentat fil-31 ta’ Ottubru 2014 fejn gie mitlub li l-intimat jinzamm milli b'kwalunkwe mod juza jew jinnegozja bl-isem "GVC" jew "Gaming VC" jew b'kwalunkwe isem iehor simili ghall-istess jew derivanti mill-istess ismijiet.

Is-socjeta` rikorrenti qed jikkawtelaw id-drittijiet taghhom naxxenti minn ftehim iffirmat mas-socjeta` intimata, *Licensed Business Transfer Agreement,* fit-3 ta' April 2012 (**DOK GVC1)** skont liema is-socjeta` intimata kellha fi zmien erbgha u ghoxrin xahar (24) mid-data tal-*Completion* tat-trasferiment tbiddel isimha ghall-isem gdid li bl-ebda mod ragjonevoli ma seta' jigi assocjat mal-isem tas-socjeta` rikorrenti, u cioe` "*Gaming VC Corporation"* jew mal-isem tal-grupp ta' kumpanniji li tieghu s-socjeta` rikorrenti hija sussidjarja, cioe` "*GVC Holdings p.l.c."*

Is-socjeta` rikorrenti qed titlob il-hrug tal-mandat odjern peress li l-*completion* sehh f'Mejju 2012, u allura l-perjodu ta' sentejn stipulat fil-ftehim skada. Ghaldaqstant is-socjeta` intimata qed tagixxi bi ksur tal-istess ftehim, senjatament il-klawsola sebgha punt tnejn (7.2) kif ukoll bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc.

Huma jghidu li l-Mandat hu mehtieg sabiex jikkawtelaw ruhhom kontra t-tahwid li jirrizulta mal-isem taghha jekk is-socjeta` intimata tkompli tinnegozja bl-isem li jinkludi "*GVC"* u dan l-agir ikun qieghed iqarraq lill-klijentela fis-settur ta' *online gambling* bir-rizultat li qieghed jikkawza danni irreparabbli, inkluzi danni konsistenti f'telf ta' reputazzjoni lill-istess socjeta` rikorrenti u lill-grupp kollu tal-kumpanniji, liema grupp hu kkwotat fuq il-borza ta' Londra, bi vjolazzjoni tal-**artikolu 32 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat id-digriet tal-31 ta' Ottubru 2014 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta; irriservat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri, u appuntat il-Mandat ta' Inibizzjoni ghas-smigh ghat-13 ta' Novembru 2014 fin-12:30p.m.

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata GVC New Limited datata l-4 ta' Novembru 2014 a fol 30 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-13 ta' Novembru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza giet esebita mis-socjeta` rikorrenti nota b'diversi dokumenti biex turi li fil-fatt il-procedura kontemplata ghat-trasferiment tal-licenzja fl-Iskeda I tat-*Transfer Agreement* hija attwalment kompletata kif ukoll *print out* ta' *screen shots* tas-sit tas-socjeta` intimata li qed topera taht l-isem ta' "GVC". Billi ntalab differiment mid-difensur tas-socjeta` intimata, mhux opposta, ir-rikors gie differit ghall-21 ta' Novembru 2014.

Rat il-verbal tal-21 ta' Novembru 2014 fejn, meta ssejjah ir-rikors dehru Dr Antonio Ghio, Dr. Jacques Farrugia u Dr. Kenneth Grima ghas-

socjeta` rikorrenti rapprezentata minn Carl Diacono, u Dr. Marlon Borg ghas-socjeta` intimata. Ir-rikorrenti esebiet nota b'kopja ta' 3 emails (**Dok.KG1)** b'referenza ghar-risposta tas-socjeta` intimata. Gie dikjarat mid-difensuri tal-partijiet li l-licenzja giet trasferita fl-4 ta' Mejju 2012. Dr Borg oggezzjona ghall-esebizzjoni tal-*emails* u talab l-isfilz taghhom inkwantu dan hu mezz procedurali eccezzjonali u t-talba fir-rikors ghall-mandat ma tistax tigi ssanata b'sottomissjonijiet ulterjuri. Din it-talba giet michuda wara li l-Qorti semghet lid-difensuri tal-partijiet billi qieset li d-dokument qieghed jigi esebit bhala twegiba ghar-risposta tal-intimat. Dr. Borg esebixxa kopja ta' sentenza (**Dok. MB1).**

Id-difensuri tal-partijiet ittrattaw ir-rikors li gie differit ghall-Digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz tar-rikors odjern, is-socjeta rikorrenti, li hija sussidjarja tal-grupp ta' kumpanniji GVC Holdings plc, registrata fl-Isle of Man, qed titlob li s-socjeta` intimata tigi inibita milli tkompli tinnegozja b'isem, jew b'isem iehor simili jew derivanti ghall-isem GVC jew Gaming VC. Dan qed jaghmluh in kawtela tad-drittijiet taghhom ghall-protezzjoni u ghall-integrita' tar-reputazzjoni kummercjali taghhom u tal-klijentela tal-istess socjetajiet rikorrenti. Huma jissottomettu li jistghu jsofru d-danni minhabba it-tahwid li jista' jigi kkagunat jekk l-intimata tkompli f'dan l-operat u anke li jridu jikkawtelaw kontra l-qerq li jista' jigi rekat lill-

konsumaturi fis-settur ta' *online gaming,* li hu s-settur fejn joperaw il-kontendenti kollha.

Is-socjeta` intimata opponiet ghat-talba. Fl-ewwel lok eccepiet li s-socjetajiet rikorrenti lanqas biss interpellawha biex taghmel dak li qed jigi hawn mitlub qabel ma intavolaw dan ir-rikors, li gieipprezentat ftit granet biss wara digriet fejn gie revokat mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug fl-istess ismijiet.[1] Fit-tieni lok li s-socjetajiet rikorrenti ma urewx fuq bazi *prima facie* li ghandhom jedd biex jaghmlu t-talba odjerna billi mhuwiex korrett li sehh il-"*Completion*" mehtieg sabiex jiskatta t-terminu ta' sentejn premess fil-mandat. Fit-tielet lok mhuwiex minnu li bl-operat taghha s-socjeta` intimata qed tikkaguna tahwid jew tqarraq bil-klijentela fis-settur ta' *online gaming* billi hija topera permezz ta' *trade names* senjatament *Betaland* u mhux bl-isem li jinkludi "*GVC",* u *di piu`* ma tirrizultax lanqas fuq bazi 'prima facie' li s-socjetajiet rikorrenti qed ibaghtu xi pregudizzju.

**<u>Dritt</u>**

Premess li l-ghan ta' talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat.

Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta'

[1] Digriet datat it-28 ta' Ottubru 2014 ta' Revoka ta' Mandat ta' Sekwestru 771/2014.

hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; [2]it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.[3] Dawn iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju jsir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

Rigward l-ewwel punt sollevat mis-socjeta` intimata dwar in-nuqqas ta' interpellanza qabel it-talba odjerna, din il-Qorti ma tistax tifhem kif tali oggezzjoni jista' jkollha success gjaladarba, kif tghid hi stess, dan ir-rikors gie precedut minn talba ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru mill-istess rikorrenti.  B'dan certament is-socjeta` intimata ma tistax tghid li giet b'xi mod sorprisa li s-socjetajiet rikorrenti qed imexxu proceduri biex jesegwixxu l-jeddijiet pretizi taghhom. Dan il-punt huwa ghalhekk minghajr fondament.

## <u>Jedd 'Prima Facie'</u>

---

[2] Ara f'dan is-sens *"**Grech proprio et nomine vs Manfre**"* – A.C. – Dec.14 ta' Lulju 1988 – Vol. LXXII.ii.290; u *"**40, Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar**"* (P.A. (RCP) - Dec. 2 ta' Novembru 2010).

[3] Ara f'dan is-sens "***Emmanuel Sammut -v- Josephine Sammut***" P.A.(TM)-dec.5.06.2003.

Fil-kaz odjern ir-rikorrenti qed jistriehu fuq zewg binarji bhala bazi legali tad-drittijiet vantati cioe`: a) Ftehim *Licensed Business Transfer Agreement* (hawn imsejjah il-Ftehim) iffirmat bejn GVC Corporation Limited u GVC New Limited; u b) id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc, senjatament l-artikolu 32 tal-istess.

Riferibbilment ghall-Ftehim, hemm kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-kelma *Completion.* Il-klawsola 7.2. tal-Ftehim jghid hekk:

"*Within twenty four months from Completion the Transferee is binding itself to change its name to a name which cannot be reasonably interpreted as being associated with the Transferor or the group of companies to which the Transferor belongs in any way and that does not include "GVC" or "Gaming VC" in its name."*

Fir-risposta u fit-trattazzjoni, s-socjeta` intimata sahhqet li skont id-definizzjoni stipulata fl-istess Ftehim (klawsola 1.1.) il-*Completion* hija definita bhala "*completion of transfer"* filwaqt li "*Transfer"* hu definit bhala "*the transfer of the Business Assets by the Transferor to the Transferee."* Skont qari ta' din il-klawsola flimkien mal-klawsola 6 tal-Ftehim il-kelma *Completion* tikkontempla l-approvazzjoni mill-LGA tat-trasferiment tal-licenzji kif ukoll it-transazzjonijiet elenkati taht l-Ewwel Skeda mal-Ftehim u t-trasferimenti tal-Assi elenkati fit-Tieni Skeda. Fl-assenza tal-prova li dan kollu sehh, allura, ma tressqitx prova ta' jedd *prima facie.*

Din l-interpretazzjoni hija kkontestata bil-qawwa mis-socjetajiet rikorrenti li jishqu li l-*completion* sehh f'Mejju 2012 meta gie approvat it-trasferiment tal-Licenzja mill *Lotteries and Gaming Authority* (**DOK GVC1)** u dan ifisser li "*mill-4 ta' Mejju 2012 il-business maghruf bhala 'betaland' u li ghall-operat tieghu tenhtieg licenzja mahruga mill-LGA ghadda f'isem GVC New Limited u minn dik il-gurnata l-quddiem kienet is-socjeta` ezekutata biss li setghet tuza dan l-operat."*

**Ikkonsidrat** li l-oggett tal-Ftehim anness mar-rikors hu sabiex "*The Transferor shall transfer and the Transferee shall acquire the Licensed Business and the core Assets, Liabilities and Arrangements related to Betaland.com."*

Ikkonsidrat li mhuwiex ikkontestat li s-socjeta` intimata ilha topera is-sit *Betaland* minn meta gie approvat it-trasferiment mill-LGA bl-ammenda tal-licenzja li kienet qabel tghajjat lis-socjeta` rikorrenti u cioe` iktar minn sentejn ilu.

Illi hu minnu li l-Ftehim jaghmel riferenza ghall-Ewwel u t-Tieni Skeda izda l-Ewwel Skeda telenka dak li hu obbligat li jaghmel it-*Transferor* biex *it-transferee* jibda jopera taht il-licenzja l-gdida u l-istess it-tieni skeda tirreferi ghall-assi, jew ghodda teknika, (*hardware u software)* mehtiega sabiex dan isehh. Effettivament minn imkien ma jirrizulta li s-socjeta` intimata ma kenitx qed topera l-*Betaland.com* minn meta inharget il-licenzja, jew li giet imxekkla fl-operat taghha taht il-Ftehim minhabba ghodda nieqsa jew sahansitra li s-socjetajiet rikorrenti agixxew bi ksur tal-Kuntratt imsemmi billi naqsu f'xi obbligu ta' trasferiment. Hi ovvja u ragunata li s-socjeta` intimata ma setghetx topera is-sit *Betaland.com* jekk ma kellhiex f'idejha gja l-ghodda

essenzjali ghall-operat taghha biex tinnegozja taht il-licenzja mahruga f'Mejju 2012.

Illi mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti biex tidhol fil-mertu tal-ftehim bejn il-partijiet izda jidhrilha li s-socjetajiet rikorrenti irnexxielhom juru fuq bazi *prima facie* li l-Ftehim jaghtihom id-dritt li jagixxu kontra s-socjeta` intimata wara l-iskadenza ta' ben sentejn u nofs mid-data tal-hrug tal-Licenzja favur is-socjeta` intimata mill-LGA fic-cirkostanzi fuq imsemmija. Tant hu hekk li d-difensur tal-intimata, waqt it-trattazzjoni, ammetta li hija ghandha kull intenzjoni biex tbiddel l-isem izda ghadha ma ghamlitx il-pratiki mehtiega.

**<u>Dritt ghar-Reputazzjoni u ghall-Isem</u>**

Gjaladarba stabbilit il-jedd 'prima facie' naxxenti mill-Ftehim sabiex is-socjeta` intimata titwaqqaf milli tkompli tuza isem simili ghal dak tar-rikorrenti, isegwi ukoll li dan il-jedd hu protett *ai termini* **tal-artikolu 32 tal-Kap. 13** tal-Ligijiet ta' Malta (Abbuz ta' uzu ta' ismijiet, marki jew sinjali distintivi).

Dan l-artikolu jirregola l-**konkorrenza zleali** li jipprovdi li:-

*"Il-kummerċjanti ma jistgħux jagħmlu użu ta' ebda isem, marka jew sinjal distintiv li jistgħu jġibu taħwid ma' isem, marka jew sinjal distintiv ieħor użati skont il-liġi minn ħaddieħor, ukoll jekk dan l-isem, marka jew sinjal distintiv ta' ħaddieħor ma jkunux irreġistrati skont l-Att dwar it-Trademarks, lanqas ma jistgħu jagħmlu użu ta' ismijiet ta' ditti jew ta'*

*ismijiet fittizji li jistgħu jqarrqu lil ħaddieħor fuq il-vera importanza tad-ditta."*

Hu stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna li l-jeddijiet tal-kummercjanti f'din il-materja huma radikati fid-dritt generali ta' proprjeta', in kwantu kummercjant ghandu d-dritt li juza il-mezzi kollha legali biex jiddefendi ruhu kontra l-uzurpazzjoni tal-proprjeta' tieghu. Dan gie ribadit minghajr eccezzjoni mill-Qrati taghna bhala principju generali in materja, anke sa minn qabel il-promulgazzjoni tal-Kodici tal-Kummerc[4]. Din il-linja ta' hsieb giet addottata mill-legislatur taghna. Hekk, per ezempju, fil-kaz **"Dr Sammut noe v Mizzi pro. et noe"** [5]**,** il-Qorti tal-kummerc irriteniet li **"...***bl-imsemmija disposizzjoni kontenuta fl-ewwel parti tal-art 36 tal-Kodici tal-Kummerc, il-legislatur irid jippunixxi is-serq ta' klijenti bl-ispekulazzjoni fuq il-konfuzjoni tal-prodotti konkorrenti, u ghalhekk li jrid li l-ebda kummercjant ma jezercixxi il-kummerc tieghu b'mod li jirriduci l-avventuri jizbaljaw il-merci tieghu jew in-negozji tieghu ma' merci jew negozju ta' haddiehor."*

Talba msejsa fuq konkorrenza zleali, ghalhekk, tohrog mid-dritt stess ta' proprjeta', b'dan li, jekk l-isem, marka jew sinjal distintiv mhuwiex il-proprjeta` tal-kummercjant li qed jintavola il-kawza, ma jistax jippretendi il-protezzjoni li ttih il-Ligi, u konsegwentement lanqas l-applikazzjonijiet tas-sanzjonijiet hemm mahsuba kontra l-kummercjant l-iehor, ghaliex, f'tali kaz, ma jistax jghid li akkwista xi dritt b'okkupazzjoni li qed jigi, jew jista' jigi, uzurpat.

Dan premess, is-socjetajiet rikorrenti ttrattaw li ghandhom id-dritt koncess mill-ligi biex jadixxu din il-Qorti sabiex twaqqaf dak li jsejhu is-

[4] Ara per. es. **Condachi v. Zikalski** dec. fit 8 ta' Gunju 1893 (Coll.XVIII p 503); u **Somerville v Schembri** dec. fit-18 ta' Nov. 1864(Collez X p 633).

[5] Kollez. Vol. XLIV.III.750.

serq tal-isem kummercjali taghhom. Il-Ftehim jitkellem b'mod car u jimpedixxi lis-socjeta` kummercjali milli tkompli tinnegozja bl-isem "GVC" jew "Gaming VC" jew b'kwalunkwe isem iehor simili ghall-istess jew derivanti mill-istess ismijiet li bl-ebda mod ragjonevoli jista' jigi assocjat mal-isem tas-socjeta` rikorrenti "*Gaming VC Corporation"* jew mal-isem tal-grupp ta' kumpanniji li tieghu s-socjeta` rikorrenti hija sussidjarja, cioe` "*GVC Holdings p.l.c."* (klawz.7.2).

L-intimata rribattiet billi sostniet li qed topera taht l-uzu ta' *tradenames*, cioe` taht l-isem *Betaland* u ghalhekk ma hemm l-ebda konnessjoni, anke f'mohh l-utenti tas-sit ta' *online gaming*, mas-socjetajiet rikorrenti.

Ikkonsidrat li l-lanjanza tas-socjetajiet rikorrenti hija dwar l-uzu kontinwat tal-isem tas-socjeta` intimata li hija l-isem tal-kumpanija registrata f'Malta b'konfuzjoni mal-ismijiet registrati taghhom. Gustament argumentaw li l-licenzja ammendata hija mahruga f'isem is-socjeta` intimata, u mid-dokument esebit bhala **GVC2** jidher li anke fuq is-sit ta' *Betaland.com* wiehed issib l-informazzjoni li "*Betaland is a trademark of GVC New Limited...." (*fol.40) u hija GVC New Limited li hija mnizzla bhala *licensed operator* mal-Awtorita' (**GVC3** fol.43-47). B'hekk kemm il-klijenti fuq is-sit kif ukoll l-awtoritajiet huma mgharrfa li *Betaland* hija licenzjata ghand socjeta` b'isem li jista' jigi konfuz ma' isimhom.

Illi l-mandat odjern huwa indirizzat lejn it-twaqqif tal-uzu ta' isem simili ghal dak tar-rikorrenti u mhux ghat-twaqqif tas-sit Betaland.com u din il-Qorti tikkonsidra li s-socjetajiet rikorrenti ghandhom kull jedd li jassiguraw li hadd ma jopera taht isem li jista' johloq konfuzjoni man-negozju taghhom.

Illi mhuwiex ikkontestat li s-socjeta` estera hija kkwotata fuq il-Borza ta' Londra u topera tramite diversi siti. Izda anke li kieku kienet biss socjeta` lokali, ghandha interess u jedd li tassigura li l-klijentela taghha jidentifikaw is-siti li huma operati minnha u ma jigux indotti f'tahwid. Dan hu iktar impellenti meta wiehed jikkonsidra li s-settur tal-*online gaming* hu settur regolat rigorosament fil-pajjiz u anke fl-esteru u dawk li jidhlu fuq is-sit jistriehu fuq ir-reputazzjoni tal-kumpaniji li jidentifikaw maghhom. Inoltre, s-socjeta` estera, bhala wahda kkwotata fuq il-borza ta' Londra, hija soggetta ghall-iskrutinju mill-awtoritajiet f'dak il-pajjiz, liema skrutinju tesponiha ghall-sanzjonijiet serji f'kaz ta' xi irregolarita'. Ghaldaqstant ghandha interess li tassigura li ma jkunx hemm tahwid mal-operat taghha u zzomm kontroll fuq l-uzu ta' isimha.

Illi din il-Qorti mhix ser tidhol fl-allegazzjoni ta' qerq li ma giex ippruvat fil-konfront tas-socjeta`. Fic-cirkostanzi fuq citati hija soddisfatta li jirrizulta almenu fuq bazi *prima facie,* li l-intimata qed tagixxi bi ksur tal-artikolu 32 tal-Kap.13 u ghalhekk anke f'dan ir-rigward it-talba rikorrenti ghandha tirnexxi.

**Htiega ghall-Mandat**

Riferibbilment ghar-rekwizit ta' htiega ghat-talba odjerna, hu evidenti li jekk is-socjeta` intimata tkompli topera taht l-isem GVC New Limited, qed tohloq konfuzjoni mal-ismijiet tas-socjetajiet rikorrenti bi ksur kontinwu tad-drittijiet tal-istess rikorrenti li huma esposti wkoll ghall-telf ta' klijenti li jista' jirrizulta. It-telf ta' reputazzjoni hija irreparabbli u ma tigix sanata semplicement b'risarciment tad-danni fejn negozjant ikun hadem u investa flejjes kbar biex jibni din ir-reputazzjoni sabiex ikun jista' jkompli jopera fis-settur.

Ghaldaqstant anke dan l-element huwa sodisfatt.

**III. DECIDE.**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-atti kollha relattivi jirrizultalha li gie ppruvat *prima facie* d-dritt vantat mir-rikorrent u li wkoll jezistu l-elementi necessarji ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni, u ghalhekk **tilqa' t-talba** kif dedotta ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni u tinibixxi lis-socjeta` intimata milli b'kwalsiasi mod tuza jew tinnegozja bl-isem "**GVC"** jew "**Gaming VC"** jew b'kwalunkwe isem iehor simili ghall-istess jew derivanti mill-istess ismijiet "***Gaming VC Corporation***" jew **"*GVC Holdings p.l.c.*"**.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------